MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 321/2012

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Jeffrey Fitz**
**(ID 216265M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Settembru 2012 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erba t’elef, mitejn u hamsa u erbghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€4,245.58) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti mill-konvenut ghal facilita’ bankarja moghtija lil istess konvenut kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Frar 2011 u tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghax mill-25 ta’ Awissu 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gie notifikat lill-konvenut fil-5 ta’ Novembru 2012 u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Purtier Charles Buttigieg datata 5 ta’ Novembru 2012 (tergo fol 22).

Illi fis-seduta tas-16 ta’ Novembru, 2012 xehdet Rose Cortis, rapprezentanta tas-socjeta attrici, kif ukoll l-istess s-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba t’ elef, mitejn u hamsa u erbghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€4,245.58) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez w bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------